# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 526/2016**

Il-Pulizija

vs

**Kevin Pace**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 267572(M)

Illum, 10 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Kevin Pace quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ghax-xhur ta' Gunju u Lulju, 2016 naqas li jaghti lil Maria Vella, is-somma ta' mitejn ruro (€200) kull erba' gimghat ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Novembru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal gimaghtejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant ipprezentat fil-11 ta’ Novembru, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata fejn sabitu hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

U in subordine, fl-eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-ewwel aggravju, tirriforma s-sentenza appellata f'dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena, u tinfliggi minflok piena aktar idoneja u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi permezz ta'digriet illi nghata mill-qorti l-appellant gie ordnat jivversa manteniment ta' € 200 fix-xahar lil Maria Vella ghall-minuri.

Illi l-appellant jghid li huwa ta parti minn dawn il-flus u l-bqija xtralu xi affarijiet li l-minuri kellu bzonn.

Illi bhalissa l-appellant jinsab fl-impossibilta' li jhallas dan il-manteniment u jonora d-digriet tal-Qorti minhabba li huwa qieghed fuq blind pension.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-10 ta' Marzu, 2017 il-parte civile nfurmat lil din il-Qorti li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Kevin Pace u tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu. Dwar il-piena. Tilqa l-appell ta' Kevin Pace. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok piena ta' detenzjoni tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.